**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Edwin Vassallo**

**Kumpilazzjoni numru 382/2018**

**Illum 12 ta′ Awwissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Edwin Vassallo** detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru 667861 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-27 ta′ April 2017 u fil-gimghat ta′ qabel, f′hinijiet differenti gewwa l-Belt Valletta u f′postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Talli, anke bhala ufficjal pubbliku jew impjegat fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu, ha b′qerq, iddistruġġa, ma ħalliex sħaħ jew seraq dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra u cioe′ l-atti tal-kumpilazzjoni ***Pulizija v Angel Attard*** li kienu

qegħdin fl-arkivji pubbliċi, jew f'uffiċċji oħra pubbliċi, jew li gew mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tieghu u dan bi ksur tal-Artiklu 144(1) u l-Artiklu 150 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat u cioe' billi seraq l-atti tal-kumpilazzjoni ***Pulizija v Angel Attard*** u dan bi ksur tal-Artiklu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellux jedd, barra milli accetta l-hlas, il-wedgha jew l-offerta, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel bi ksur tal-Artiklu 115(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, ghamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew seraqhom, bi ksur tal-Artiklu 127(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli seraq dokumenti u cioe' l-atti tal-kumpilazzjoni **Pulizija v Angel Attard** liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-

lok bi ksur tal-Artiklu 261(d), 261(e), 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 3336*) datata 25 ta' Frar 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 114 (1) u 150 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 111(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 115 (1) (c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 127 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261 (d) u (e), 268, 269 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 23, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019 (*a fol. 3338)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Frar 2019, u f'liema

seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*Prosekuzzjoni* pprezenta fis-17 ta' Gunju 2019 (*a fol.* 3358 et *seq.*) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Edwin Vassallo kienet prezentata fl-ewwel ta' Awwissu 2019 (*a fol.* 3364 et *seq.*).

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

Il-fatti li taw lok sabiex ittiehdu passi fil-konfront tal-imputat **Edwin Vassallo** huma fil-qosor is-segwenti:

Nhar is-27 ta' April 2017 il-pulizija rceviet rapport illi l-process tal-kaz **Pulizija vs Angel Attard** kien insteraq minn gewwa l-Bini tal-Qorti fil-Belt Valletta. L-investigazzjonijiet tal-pulizija skattaw immedjatament fejn l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma, l-Assitent Kummissarju Stephen Mallia, l-Ispettur Gabriel Micallef u l-Ispettur Daryl Borg irrikorrew gewwa l-bini tal-Qorti fejn minn hemm hekk gie infurmata l-Magistrat tal-Ghassa Dr. Donatella Frendo Dimech fejn fethet inkjesta[1] u hatret diversi esperti sabiex jassistuha.[2]

[1] Proces Verbal esebit f'dan il-process.
[2] Dr. Martin Bajada, WPS306, l-Ispettur R. Caruana, l-Accountant Antione Borg u Joe Mallia.

Minn stharrig preliminari li sar mil-pulizija irrizulta illi l-ahhar persuni li setgha kellhom access ghal process in kwistjoni kienu l-messaggier tal-Qorti Joseph Bezzina u l-imputat Edwin Vassallo.

Joseph Bezzina u Edwin Vassallo taw il-verzjoni taghhom lill-Magistrat Inkwirenti nhar is-27 ta' April 2017, liema verzjoni ttiehdet bil-gurament.[3]

Joseph Bezzina xehed illi dakinhar tas 27 ta' April 2017 huwa kien gie avvicinat mil-imputat Edwin Vassallo fejn talbu sabiex jahbilu l-process **Pulizija vs Angel Attard**. Joseph Bezzina minn naha tieghu accetta li jaghmel dan u zied jghid illi huwa zamm il-process maqful gewwa is-sigrieta tal-Awla numru 11, fejn aktar tard x'hin huwa mar sabiex jigbor xi envelopes u xi karti kien dak il-hin fejn irealizza illi l-process **Pulizija vs Angel Attard** ma kienx qieghed hemm fejn kien f'dak il-mument fejn huwa ppanikja u mar jirraporta dan l-akkadut lis-superjuri tieghu, mar ghand id-Direttur Maria Dolores Fenech.

L-imputat Edwin Vassallo xehed illi Joseph Bezzina kien avvicinah madwar ftit gimghat qabel fejn kien staqsieh jekk riedx jaqla' lira zejda u stqarr mieghu illi l-ammont involut kien ta' hames t'elef jew ghaxar t'elef.[4] Vassallo xehed li kien ghaddielu l-process **Pulizija v Angel Attard** pero' zied jghid illi huwa ma kienx jaf fejn pogga l-process u li kien jaf biss Joseph Bezzina fejn kien qallu *'dan f'idejja'*.[5] Edwin Vassallo x'hin gie mistoqsi ghaliex accetta l-proposta li kien ghamillu Joseph Bezzina sabiex jghaddilu l-process in kwistjoni, xehed *'Le jiena hu beda jsemmili figuri u dan, u jien l-ewwel dabra ghidtlu Jean jien ma naghmilhomx dawk l-affarijiet....*

---

[3] Xhieda ta' Joseph Bezzina u tal-imputat tifforma parti mil-proces verbal ezebit fil-process.
[4] Xhieda ta' Edwin Vassallo fil-proces verbal minn p.31 et seq..
[5] Xhieda ta' Edwin Vassallo fil-proces verbal p.35.

*ghax imbaghad beda jaghmilli tibzax halli f'idejja... Imma meta hadu jigifieri ma qadtx noqghod nghidlu ara gibli l-flus u sebah u dalam. Xejn. L-anqas xejn...*[6]

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu dsatax (19) -il xhud kif gej:

Spettur Frank Anthony Tabone (*a fol* 12 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 23 et. seq.); Ass. Kummissjarju Stephen Mallia (*a fol* 26 et. seq.); Spettur Claire Borg (*a fol* 30 et. seq.); Maria Dolores Fenech (*a fol* 33 et. seq.); Alexia Attard (*a fol* 38 et. seq.); PC 1331 Darren Debattista (*a fol* 42 et. seq.); Spettur Daryl Borg (*a fol* 45 et. seq.); Carmen Aquilina (*a fol* 48 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 53 et. seq.); Dr. Marsia Mifsud (*a fol* 3267 et. seq.); Angel Attard (*a fol* 3299 et. seq.); Spettur Gabriel Micallef (*a fol* 3301et. seq.); Diane Desira (*a fol* 3305 et. seq.); Ass. Kummissarju Dennis Theuma (*a fol* 3308 et. seq.); Raymond Zammit (*a fol* 3318 et. seq.); Maryanne Ellul (*a fol* 3320 et. seq.); Martin Cassano (*a fol* 3323 et. seq.); Probation Officer Marilyn Formosa (*a fol* 3342 et. seq.);

**Ikkunsidrat:**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu

[6] Xhieda ta' Edwin Vassallo fil-proces verbal pp. 47-48.

**Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita\` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the*

*evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[7]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

---

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Il-Qorti wara li analizzat il-process ghalkemm issib li l-imputat Edwin Vassallo u Joseph Bezzina taw zewg verzjonijiet kunfliggjenti, il-verzjoni moghtija bil-gurament mill-imputat Vassallo hija iktar kredibbli u verosimili u dan tenut kont ukoll tal-provi ohra migbura f'dan il-kaz inkluz r-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

L-artikoli tal-Kodici Kriminali applikabbli u ndikati fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali huma:

*144. (1) Kull min jieħu b'qerq, jiddistruġġi, ma jħallix sħaħ jew jisraq dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra, li jkunu qegħdin fl-arkivji pubbliċi, jew f'uffiċċji oħra pubbliċi, jew li jkunu mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*150. Barra minn fil-każijiet ta' traskuraġni msemmijin fl- artikoli 142 u 144, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, fl- esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, ikun awtur f'wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jew konniventi fihom, jeħel, meta jinsab*

*ħati, il-piena stabbilita għad-delitt, miżjuda bi grad, u l-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.*

*111. (2) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk ir-reat ikun delitt suġġett għall-piena mhux anqas mill-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sena, il-piena msemmija fis-subartikolu (1);*

*(b) fil-każ ta' reati oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, jew id-detenzjoni jew ammenda mhux anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33).*

*115. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(c) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l- offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.*

*127. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab*

*ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.*

*261. Is-serq huwa ikkwalifikat -*
*(d) bil-"persuna" u e) bil-"lok";*

*268. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna"*
*(a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur;*
*taħt l-isem ta' "**seftur**" tidħol kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju jew bi ħlas ieħor, sew jekk din il-persuna tkun toqgħod jew le fid-dar mas-sid tagħha;*

*269 Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir -*
*(b) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal- qorti;*

*281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel -*

*(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*
*(b) **jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, iżda qatt fil-minimum tagħha**;* (Enfazi tal-Qorti).

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**<u>Artikoli 144(1) u 150 tal-Kap 9</u>**

Artikoli 144 (1) u 150 tal-Kodici Kriminali jipprovdu illi:

> 144*(1). Kull min jieħu b'qerq, jiddistruġġi, ma jħallix sħaħ jew jisraq dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra, li jkunu qegħdin fl-arkivji pubbliċi, jew f'uffiċċji oħra pubbliċi, jew li jkunu mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

> 150. *Barra minn fil-każijiet ta' traskuraġni msemmijin fl-artikoli 142 u 144, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu, ikun <u>awtur f'wieħed mid-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jew konniventi fihom</u>, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għad-delitt, miżjuda bi grad, u l-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa*

Il-Professur Mamo meta kien qed jittratta dan ir-reat spjega li:

> *"The crime under discussion is completed by the embezzlement, destruction, mutilation or purloining of the document, etc. It is not necessary that the offender shall have achieved the aim he had in view, as, for instance, the deceit of the judicial authorities . Nor is it necessary to prove that any private damage has beem actually caused. Nor is the*

*completion of the offence effected by the fact that the document, etc. has been recovered."*[8]

Fl-istess noti gew kwotati b'approvazzjoni *Chaveau et Helie*[9], fejn qal li:

*"Un deposito pubblico e' un asilo sacro ; e qualunque trafugamento commesso in quel luogo e' una violazione della garanzia sociale , un attentato alla pubblica fede." u giet ukoll citata La Corte di Cassazione :*

*"Le sottrazioni cui si riferiscono esclusivamente questi articoli sono quelle che si verificano nei depositi posti sotto la speciale protezione della pubblica autorita' e costituiscono, indipendentemente dal valore degli oggetti sottratti , un'offesa all'interesse di ordine generale per cui questa protezione si e' resa necessaria."*

Manzini fit-***Trattato di Diritto Penale Italiano***[10] dwar f'hix ghandu jikkonsisti l-element materjali tar-reat in dizamina u partikolarment ghall-passagg li jghid testwalment hekk:-

*e) Distruzione, dispersione o deterioramento. - Si tratta , in sostanza , di forme di danneggiamento (v. vol. Ix , n. 3340) , che comprendono , sia il fatto , comunque eseguito, per cui la cosa cessa di sussistere nella sua essenza anteriore , anche se non venga completamente annientata nella sua materialita' specifica ; sia il fatto per cui la cosa viene disintegrata e le sue parti spostate in modo da non essere facilmente ricomponibili ; sia il fatto di portara nella cosa alterazioni di sostanza o di forma che la*

---

[8] Notes on Criminal Law (1958) Part II, p. 133

[9] Vol . II, p. 149 , para 1050] (op. cit. p.132)

[10] vol. V , quinta ediz. p. 420

*rendano comunque inservibile o che ne diminuiscano il valore o l' idoneita' rispetto allo scopo per il quale era stata creata o era destinata . Le altre alterazioni non sono punibili per il titolo in discorso. (v. n. 1545 I e).*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzafl-ismijiet Il-**Pulizija vs Francis sive Frank Ellul** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Frar tas-sena 2003 fejn intqal:

*Illi jirrizulta anki jekk wiehed joqghod fuq din id-definizzjoni citata mid-difiza, din il-Qorti thoss li dak li sar fir-records komputerizzati tal-Isptar billi minnflok isem il-pazjent, biex jitghatta kliem iehor dispreggjattiv , iddahhal kliem bhal dak li irrizulta, dan kien bizzejjed biex tnaqqas il-valur u l-idoneita' tad-dokument ghall-iskop li gie koncepit u destinat, ghax min jilloggja fuq isem ta' pazjent f'records ufficjali tal-Isptar ma ghandux isib ma wiccu kliem bla sens u barra minn postu li jtellef il-kredibilita' w l-attendibilita' tal-istess "records" komputerizzatri ma dawk li jridu jaghmlu uzu minnhom .*

*Ghalhekk din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti , ma thossx li b'dak li sar mill-appellant, kienet x' kienet l-intenzjoni tieghu, ma nkisritx id-dispozizzjoni tal-artikolu 144 , ghax hu cert li saru alterazzjonijiet mill-appellant li naqqsu l- valur tar-RECORDS protetti b'dan l-artikolu w dana fi sptar pubbliku ,fejn ghandu jkun hemm fiducja shiha fil-korrettezza w attendibilita' ta tali records.*

Mill-fatti jirrizulta illi l-process tal-kaz **Pulizija vs Angel Attard** kien insteraq minn gewwa l-Bini tal-Qorti fil-Belt Valletta. L-imputat fix-xhieda bil-gurament tieghu qal illi Joseph Bezzina kien avvicinah ftit

gimghat qabel fejn kien staqsieh jekk riedx jaqla' lira zejda u stqarr mieghu illi l-ammont involut kien ta' hames t'elef jew ghaxar t'elef. L-imputat Vassallo kompla jixhed illi Joseph Bezzina kien qabad u hadlu l-process pero' zied jghid illi huwa ma kienx jaf fejn pogga l-process in kwistjoni li kien jaf biss li Joseph Bezzina kien qallu *'dan f'idejja'*. **L-imputat ma kellux jiehu l-process fis-sigrieta fejn kien jahdem Bezzina imma kellu jiehdu fis-sigrieta tal-awla fejn hemm assenjat il-Magistrat li kien qieghed jisma' l-kumpilazzjoni tal-kaz Il-Pulizija vs Angel Attard.**

Edwin Vassallo x'hin gie mistoqsi ghaliex accetta l-proposta li kien ghamillu Joseph Bezzina sabiex jghaddilu l-process in kwistjoni, xehed *'Le jiena hu beda jsemmili figuri u dan, u jien l-ewwel dabra ghidtlu Jean jien ma naghmilhomx dawk l-affarijiet.... ghax imbaghad beda jaghmilli tibzax halli f'idejja... Imma met hadu jigifieri ma qadtx noqghod nghidlu ara gibli l-flus u sebah u dalam. Xejn. L-anqas xejn...*

Illi ghalhekk skont id-definizzjonijiet ikkowtati aktar 'l fuq sabiex dan ir-reat jissussisti irid ikun hemm il-bdil fis-sustanza tad-dokumenti in kwistjoni. Dan ifisser illi jrid ikun hemm t-tibdil jew id-distruzzjoni tad-dokument in kwistjoni u dan billi jew jemenda, jnehhi jew jiddistruggi kompletament id-dokument fih innifsu jew il-kontenut tal-istess document.

Mill-provi ma rrizultax illi l-imputat b'xi qerq qered jew ma halliex shih l-atti ta' kumpilazzjoni izda kien <u>komplici fis-serq tal-process</u> (allura jinkwadra fl-ewwel imputazzjoni) liema reat ta' serq se jkun trattat aktar 'l quddiem meta l-Qorti tiddelibera fuq il-hames (5) imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 111 tal-Kodici Kriminali</u>**

L-Artikolu 111 (2) tal-Kap 9 jipprovdi li:

> *111(2) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati …*

L-artikolu 111(2), a differenzi tad-disposizzjonijiet l-ohra tas-Sub-titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali li gew introdotti mal-promulgazzjoni tieghu fis-sena 1854, gie introdott fis-sena 1909 bhala paragrafu gdid fi-artikolu 111 (dak iz-zmien artikolu 110) permezz ta' emenda introdotta bi-artikolu 7 ta' l-Ordinanza VIII ta' 1-1909.

L-artikolu, fit-test Taljan, kien jghid hekk:

> *"Alla stessa pena sara' soggetto chiunque, fuori dal casi preveduti in altre disposizioni di queste leggi, scientemente sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le tracce o gli indizi di un delitto portante a pena non inferiore al lavori forzati o alla prigionia per un anno."*

Din id-disposizzjoni giet mudellata fuq l-ahhar parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taijan ta' l-1889[11] li kien jghid:

> *"Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale e' stabilita una pena non inferiore alla detenzione, senza concerto anteriore al delitto stesso, e senza contribuire a portarlo a conseguenze ulteriori, aiuta*

[11] Mamo Notes On Criminal Law, Vol. II, Revised Ed. 1954-1955, p. 79

*taluno ad assicurarne il profitto, a eludere le investigazioni dell'Autorita ', ovvero a sottrarsi alle ricerche della medesima o alla esecuzione della condanna, e chiunque sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le traccie o gli indiz il di un delitto che importi la pena suddetta..."*

Il-legislatur Malti ghamel decizjoni konxja li, ghal dak li jirrigwarda ir-reat maghruf fl-Italja bhala *favoreggiamento*, jeskludi parti sostanzjali ta' dak li jikkostitwixxi r-reat analogu f'dak il-pajjiz. Infatti, peress li effettivament hija l-ewwel parti ta' l-artikolu 225 imsemmi Ii tikkostitwixxi r-reat ta' *favoreggiamento,* il-legislatur Malti biddel id-definizzjoni tar-reat ghal *soppressione di prove* — definizzjoni ta' reati ohra fil-Kodici Penali Taljan.

Fil-Kodici Penali Taijan ta' 1-1930 ir-reat ta' *favoreggiamento* gie maqsum fi tnejn. L-artikolu 378 ta' dan il-Kodici jittratta r-reat ta' *favoreggiamento personale — "dopo che fu commesso un reato, e fuori dei casi di concorso nel medesimo, viene alutato taluno ad eludere le invesitigazioni dell'Autorita', o a sottrarsi alle ricerche di questa"* u l-artikolu 379 jittratta r-reat ta' *favoreggiamento reale — "fuori dei casi di concorso nel reato e del casi previsti dagli articoli 648, 648-bis e 648-ter, aluta taluno ad assicurare il prodotto o il profitto o il prezzo di un reato"*.

Skont il-kummentaturi tal-Kodici Taljan vigenti, il-formula li r-reat ta' *favoreggiamento* jinqasam fi tnejn kien pjenament gustifikat peress li d-differenza bejn iz-zewg reati hija notevoli[12]. Ghall-finijiet tad-diskwizzjoni in dizamina dak li huwa verament importanti hu li l-parti

[12] vide Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Speciale II, 13° ed., p. 485

tal-Kodici Penali Taljan ta' l-1889 li serviet ta' mudell ghall-artikolu 111(2) taghna thalliet barra mill-Kodici Taijan ta' l-1930.

Antolisei, fl-ezami tieghu ta' l-artikolu 378 imsemmi, jghid:

> *"Per < indagini > si intendono le investigazionli degli ufficiali della polizia e degli organi giudiziari svolte per la ricerca di notizie relative al reato e per acquisire e conservare il material probatorlo occorrente per la pronuncia di merito. < Eludere > le indagini significa impedire che esse conducano al risultato a cui sono dirette, il che puo' ottenersi con i mezzi piu' svariati, e specialmente con la soppressione od occultamento degli elementi di prova e con la creazione di falsi indizi, salvo che non si tratti dell'ipotesi specifica contemplata nell'art. 374 (frode processuale...)."*[13]

Id-decizjoni tal-legislatur Malti kienet wahda cara - ir-reat kontemplat f'dak li hu llum l-artikolu 111(2) jirreferi biss ghas-soppressjoni ta' tracci jew indizji ta' reat li necessarjament ghandhom jfissru tracci jew indizji materjali. Dik il-parti ta l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taljan ta' l-1889, riprodotta fl-artikolu 378 tal-Kodici Taijan ta' l-1930, li tittratta xenarji iktar vasti fosthom interrogatorji tal-Pulizija[14] (), giet eskluza mill-ligi Maltija.

Il-Kodici Penali Taljan vigenti jaghti indikazzjoni cara li ir-reat ta' *soppressione* ghandu jirreferi ghal tracci jew indizi materjali. Infatti l-artikolu 144 jittratta r-reat ta' *soppressione di cadaveri o di ceneri*. L-artikolu 490 jittratta r-reat ta' *soppressione di documenti* u l-artikolu 255 jittratta r-reat ta' *soppressione di documenti d'interesse militare o politico*. Manzini

---

[13] op. cit., p. 488

[14] vide Manzini, V., Trattato Di Diritto Penale Italiano, Volume V,5 ed., p. 997

jispjega is-sinjifikat ta' "*soppressione*", b'referenza ghad-dokumenti b'dan il-mod:

> "*In questa ipotesi il fatto deve cagionare la scomparsa totale o parziale del documento o del suo contenuto ideale.*"[15]

Ghalhekk huwa car li s-sopressjoni tat-tracci jew l-indizji ta' reat jirreferi ghal tracci jew indizji materjali. Din it-tezi hija konfortata mid-decizjoni tal-legislatur Malti li ma jittrasportax dik il-parti ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Penali Taijan ta' l-1889 (illum 378 u 379 tal-Kodici ta' 1-1930) fit-test Malti.

Dak li kellu f'mohhu l-legislatur meta fassal l-artikolu 111(2). Illi l-ligi hija cara meta titkellem dwar l-okkultament ta' xi prova materjali, tal-habi, distruzzjoni jew sopressjoni ta' xi indizju jew circumstantial evidence, bhal ma hija l-arma tad-delitt, fingerprints, tracci ta' demm, hwejjeg li intuzaw fil-kummissjoni tar-reat.

Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat Vassallo ssopprima xi prova u lanqas biddel jew qered xi traccja jew indizji ta' reat. Sabiex dan ir-reat jissussisti irid jkun hemm provi illi juru illi persuna biddlet xi tracci jew hbiet xi affarijiet important u dan sabiex persuna ma jinqabadx haga li fil-verita' ma saritx mill-imputat.

[15] op. cit., Volume IV, 195

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 115 tal-Kap 9 – Korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku</u>**

Artikolu 115 tal-Kap 9 jghid:

> *115. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(ċ) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew lofferta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.*

**Dwar t-tielet imputazzjoni**, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal kif kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Marzu 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Omissis u Carmelo sive Charles Attard** fejn intqal li bhala premessi fondamentali ghas-sussistenza ta' dan r-reat, l-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tippreciza li:

> *"Jkun hemm r-reat ta' korruzzjoni meta kwalunkwe <u>ufficjal</u> jew <u>impjegat pubbliku</u> jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda, jew xi offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd u jippreciza in*

*oltre, li tali abbuz irid ikun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu ...*"

Dik l-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hdax ta' Dicembru 1956*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Geraldo Sacco**, sostniet li:

"*Biex tkun tista tigi sostnuta l-korruzzjoni, hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utili iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.*"

Illi in effetti, l-kuncett baziku sottolineat hu li tingheleb severament l-vendita mill-ufficjal pubbliku li fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu jaccetta remunerazzjoni illecita u ma hiex lilu dovuta, u dan ghaliex hu fl-interess generali li hadd ma jirreka diskreditu jew suspett fuq l-amministrazzjoni pubblika, liema amministrazzjoni ghandha taghti l-obbligi taghha gratuwitament.

Il-Qorti se tispjega fid-dettal l-elelmenti tar-reati u dan fid-dawl tal-provi u fatti prodotti u provati bil-ghan sabiex tara jekk tistax issib htija o meno tal-imputat.

Ir-reat ta' Korruzzjoni[16] ta' ufficjal pubbliku huwa reat li jmur lura sa zmien il-ligi Rumana. Il-legislazzjonijiet tal-passat ipprovdu ghal piena ta' ufficcjali pubblici li kienu korrotti b'severita' kbira. Fil-fatt il-ligi of

[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Raymond Ferris** deciza mill-Magistrat (illum Imhallef) Consuelo Scerri Herrera deciza fil-21 ta' Mejju, 2015.

'*The Twelve Tables*' applikat f'kull kaz simili bhal dan f'kaz ta' htija l-piena tal-mewt.

Fil-fatt fil-ktieb '**The Elements of Roman Law'**[17] jinghad li "*At the dawn of Roman Law the Twelve Tables enacted the death penalty against a iudex or arbiter convicted of taking a bribe. From Augustus onwards judges who accepted bribes incurred severe penalties under the lex Julia repetundarum.*"

Il-Kodici Penali taghna kif ser jigi mfisser spjegat aktar 'il quddiem jipproporzjona l-piena skond il-gravita' tar-reat f'kull kaz partikolari. **Sir Andrew Jameson** ikkummenta li kien ikun ahjar li reat bhal dan ma jkunx inkluz fil-kodici milli jigi trattat bi piena leggera u mhux adegwata. Fil-fatt dan **Jameson** ikompli jghid li "*The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as rigourously to exclude the temptations to sacrifice duty to gain.*"[18]

Fil-fatt imkien fil-kodici Penali taghna ma nsibu tifsira ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni. Ghalkemm fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paola Pace**[19], l-Imhallef Montonaro Gauci ghamel referenza ghal enciklopedija u qal "*the offence of bribery may be defined as the offering, giving or accepting of consideration in some shape or form, that it may be a motive in the performance of functions for which the proper motive outght to be a conscientious sense of duty.*"[20]

Il-korruzzjoni ta' ufficjal publiku huwa trattat fl-artikoli tal-ligi enumerati **Artikolu 115** et seq tal-Kodici Penali. Dawn il-provedimenti jaqghu taht

---

[17] 4th Edition R.W Lee pagna 401.

[18] Notes on Crminal Law (revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo pagna 95.

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1950.

[20] Encyclopaedia Brittanica Vol. 4 'Bribery'.

it-Titolu III intitolat *"Fuq id-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet Pubblici ohra."* U appuntu taht is-sub-titolu IV intitolat *"Fuq l-abbuz tal-Awtorita pubblika – fuq ufficcjali jew impjegati pubblici li jesigu l-flus jew hwejjeg ohra kontra l-ligi. Fuq estorsjoni u fuq il-korruzzjoni."*

**L-Artikolu 115** u cioe' l-artikolu li gie moghti mill-Avukat Generali fil-konfront ta' l-imputat odjern huwa verzjoni raffinata ta' dak li kien antecedentement l-**Artikolu 107** tal-"Leggi Criminali per le Isole di Malte e le sue Dipendenze" li kien gie promulgat fis-sena 1854 u kien jipprovdi s-segwenti:-

> *"Qualunque ufficiale od impiegato sotto il Governo, il quale in occasione del suo officio o impiego accettasse doni, promesse od offerte, sara punito come segue:*
>
> (1) *Se l'oggetto, fosse perche l'ufficciale od impiegato adempisce a cio che il suo dovere gli impone, la pena sara' dei lavori forzati o della prigioneria da uno a tre mesi;*
> (2) *Se l'oggetto fosse perche l'ufficiale od impiegato mancasse a cio che il suo dovere gli impone, la pena nel solo fatto dell'accettazione, sara di lavori forzati o della prigioneria da uno a dodici mesi;*
> (3) *Se, oltre l'accettazione del dono, della promessa o dell'offerta, l-ufficiale od impiegato effettivamente mancasse al suo dovere, appena sara dei lavori forzati da sei mesi a tre anni."*

Dan l-artikolu gie rinumerat ghall-Artikolu 114 fis-sena 1911 u ghall-Artikolu 113 fis-sena 1914. L-ewwel parti ta' dan l-artikolu gie mibdul b'Att XII tas-sena 1914 u kien jaqra kif segwenti:

> *"Qualunque ufficiale pubblico o impiegato sotto il governo, il quale in occasione del suo officio o impiego, ricevesse, per se o per altri, in denaro o in altra utilita una retribuzione che non gli e dovuta ma accetta la promessa o l'offerta sara punito come segue..."*

Fis-**sub incizi (1) u (3) ta' l-artikolu 115** l-unici tibdiliet li saru kienu fil-kliem '*della retribuzione della promessa o dell'offerta*' u minflok iddahhlu l-kliem '*del dono, della promessa o dell'offerta*'. Ghalhekk dan li nbidel kienu l-modalitajiet ta' kif jista' jsehh il-korruzzjoni. Ghalhekk ma kienx hemm aktar limitazzjoni fuq il-kliem uzat mil-legislatur. In effetti jekk ir-rigal gie ricevut ghal terza pesuna, ir-reat xorta kien isehh. Il-legislatur ghamilha cara li r-rigal ma kellux ikun dovut la ghal persuna li kienet qed tircevieh u lanqas ghal xi terza pesuna.

**L-Artikolu 114** (illum 115) rega' gie emendat b'Att IV tas-sena 1974 u l-artikolu fil-present jipprovdi:-

> *"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta'xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati......."*

L-Att IV tas-sena 1974 zied il-kliem "... *jew f'utli ieħor*" mal-kliem "*jew ta'xi vantaġġ ieħor*". Jinghad ukoll li l-pieni zdiedu wkoll u dan ghaliex huwa mportanti li jigi salvagwardat l-integrita' ta' individwi li jahdmu

fid-dipartimenti tal-Gvern. Minkejja dan il-gravita' tar-reat u konsegwentement il-piena wkoll tvarja.

L-**Artikolu 115** jkompli jipprovdi li:-

> (*a*) *"jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*
>
> *(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta'prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;*
>
> *(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta'prigunerija minn sena sa tmien snin"*.

**Professur Mamo** jsostni li *"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*[21]

Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea**[22] fejn inghad is-segwenti:

[21] Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo, pagna 84.
[22] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986.

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-**Artikolu 114** (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal <u>jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;</u> u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex <u>ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru</u> – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal '<u>fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel</u>."*

Fil-kaz appena msemmi, il-Qorti riteniet li "*.... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."*

Fir-rapport ministerjali ghall-Artikoli korrispondenti fl-Italian Draft Code tas-sena 1887 intqal:-

*"Il concetto che in questa parte deve dominare la lagge, e di colpire severamente ma venalita del pubblico ufficiale che accetta per atti del suo ufficcio, retribuzioni non dovute. E la venalita' e colpita indipendentemente della giustizia o ingustizia degli atti stessi imperocche e di universale interesse che non si faccia cadere in discredito od in sospetto la pubblica potesta col rendere venali ufficci i quali per la lagge devonsi prestare gratuitamente."*

Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tingabar fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-Qorti:-

*"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar-responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."*[23]

X'inhuma ghalhekk l-elementi ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni? Dawn l-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi lokali[24] fosthom fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et**[25] fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.
2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.
3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.
4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

L-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat. Il-Qorti ghalhekk sejra titratta ma' kull element b'mod separat u fid-dettal.

---

[23] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminal fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.

[24] Uhud mis-sentenzi li jsemmu dawn l-elementi ta' dan ir-reat huma **l-Pulizija vs Joseph Tedesco u Carmel Deguara** deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali fit-28 ta' Jannar 1994, **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** deciza mill-istess Qorti nhar it-2 ta' Mejju 1985 u s-sentenza gja msemmija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri.**

[25] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982.

1. **Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.**

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal- ligi huwa wiesa' u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Ghalhekk l-ewwel haga li l-Qorti trid tezamina hux jekk l-imputat hux ufficcjal jew impjegat pubbliku. Per ezempju fis-sentenza **l-Pulizija vs Joseph Buhagiar et**[26] il-Qorti rriteniet li " *...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..*".

Fis-sentenza **l-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[27] il-Qorti riteniet li: *"l-ewwel ingredjent huwa relattiv ghan-natura ossia ufficcju tal-persuna li tkun accetta r-rigal. Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-vesti – salv dak li ser jinghad aktar il-quddiem[28]. Ir-raguni ta' dan l-ingredjent jinsab fir-ratione legis li hija dik li tipprotegi l-interess tas-socjeta'...."*

Ir-raguni ghall-ezistenza ta' dan l-element huwa tali ghaliex ir-reat jista' jipproduci konsegwenzi dizastruzi lejn is-servizz pubbliku, kif ukoll lejn l-interess tal-individwu fejn ufficcjali u/jew impjegati pubblici ghandhom ikollhom certu nfluwenza. **Cheveu Helie** fil-fatt jghid li '*min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradici mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradici l-interess tal-komunita li giet fdata bis-*

[26] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982.
[27] Ibid
[28] Ibid

*sistema gudizzjarja nnifissha'*[29]. Ghalhekk tali element huwa indispensabbli.

Fis-sentenza gja citata fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[30]. Cuschieri kien impjegat mal-Malta Drydocks u *seconded* mal-Public Works Department. Huwa kien gie akkuzat li kien hallas flus kbar lil Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u lil Paul Gauci u dan sabiex jghinuh jottjeni permess tal-bini. Il-problema li tqajmet kienet li kien hemm diversi xhieda li ddikjaraw li l-akkuzat Cuschieri ma kienx ufficjal publiku. Fil-fatt il-Qorti kkonkludiet li "*Min dan jirrizulta li Lorry Cuschieri la hu ufficjal pubbliku u lanqas impjegat mal-Gvern izda huwa mpjegat mal-Malta Drydocks. F'dan l-istadju huwa opportun li jinghad li skond id-dispost ta' l-**Artikolu 121 (1)** tal-Kodici Kriminali, l-artikolu tal-ligi li japplikaw ghal ufficcjal pubbliku cioe' l-**Artikolu 115** u l-**Artikolu 120** kif ukoll l-artikoli l-ohra taht dan l-artiklu japplikaw ghal:-..*"

> *"kull persuna li tkun moghtija jew li jkollha funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta'korp imwaqqaf b'ligi jew xi korp iehor li jkollu personalità guridika distinta, jew li tkun impjegata ma'dak il-korp, kif jghoddu ghal jew dwar ufficjal jew persuna msemmija fl-artikolu 115."*

F'dan il-kaz fuq imsemmi il-Qorti rriteniet li "*l-ligi anki f'dan il-kaz riedet tikkawtela l-funzjonament rett, svestit minn kull element ta' korruzzjoni u 'foul play' fl-amminsitrazzjoni li minhabba l-importanza tal-funzjonijiet tieghu fis-socjeta' in generali huwa kunsidrat - ghal finijiet ta' din il-parti tal-ligi – fuq l-istess livell ta' dipartiment Governattiv.*"

---

[29] Ibid
[30] Ibid

Tali decizjoni ghalhekk nehhiet kwalsiasi '*loop hole*' li seta' kien hemm f'dan il-kaz fejn l-imputat hu akkuzat principalment b'tixhim f'entita' pubblika li giet kostruwita b'ligi u li ghandha entita distinta a differenza ta' socjeta' privata. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputat huwa fil-fatt ufficcjal pubbliku.

2. **L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.**

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hanwhekk ghal darb'ohra ssir referenza ghas-sentenza fuq citata **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[31] fejn inghad li:-

> "*It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti*

[31] Ibid

*fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

Jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. <u>Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni</u> (sotto linear ta' din il-Qorti). Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-**Artikolu 115** tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk wiehed jistaqsi jekk hemmx bzonn li l-weghda jew rigal ghandux isir personalment jew jistax isir tramite intermedjarju. Jinghad li attwalment jirrizulta minn kliem il-ligi stess li mhux necessarju li r-rigal weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu. Jekk l-ufficjal pubbliku agixxa tramite intermedjajru r-reat jissustixxi xorta. Basta pero' l-intermedjarju jkun agixxa bil-kunsens tal- ufficcjal pubbliku. Lanqas ma taghmel xi differenza jekk il-vantagg kien ser isir a beneficcju tal-ufficcjal pubbliku jew ta' xi terza persuna, purche l-ufficjal pubbliku kien jaf x'kien ghaddej. Dawn iz-zewg punti huma trattati fid-dettal fis-sentenza **<u>il-Pulizija vs Victor Busuttil Naudi</u>**[32]. F'dan il-kaz l-imputat kien avvicina lil Dr. Albert Camilleri li kien bin l-Onorevoli Bertram Camilleri li kien il-Ministru tal-Industija u qallu li jekk missieru rnexxielu jgiblu licenzja ta' mportazzjoni

[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 1950.

kien lest li jaghtih is-somma ta' mitejn lira sterlina. Il-Ministru ma accettax l-offerta. Il-Qorti f'dik is-sentenza qalet is-segwenti:-

> *"...biex wiehed jaghmel id-delitt kontemplat fl-artikolu 118 (2) illum 120 (2) tal-kodici kriminali huwa mehtieg li l-offerta li biha jittanta l-ufficjal pubbliku, jaghmilha jekk mhux direttament ghall-inqas indirettament lill-ufficcjal pubbliku. Biex jinghad li l-offerta saret indirettament lill-ufficjal pubbliku jehtieg li dina tkun intiza biex tasal ghandu u biex huwa jsir jaf biha, izda minghajr ma hu mehtieg li l-vantagg jew utili offert ikun intiz personalment ghalih. Jekk l-offerta issir lil terza persuna ghall-vantagg esklussiv taghha, minghajr il-hsieb jew il-prospettiva li l-offerta titwassal ghal konjizzjoni tal-ufficcjal pubbliku, u bil-hsieb li dik it-terza persuna tuza l-influwenza taghha personali fuq l-ufficcjal pubbliku b'xi rakkomandazzjonijiet jista jinghad li saret offerta ta' xiri – 'bribe' – ta' dik it-terza persuna, izda mhux ta' l-ufficcjal pubbliku. U tabilhaqq skop tal-offerta huwa l-korruzzjoni permezz taghha ta' l-ufficjal pubbliku u ma jistax ikun hemm korruzzjoni jew perikolu ta' korruzzjoni jekk bl-offerta l-ufficcjal ma jkunx jaf."*

Ghalhekk l-offerta lejn l-ufficcjal pubbliku tista' tkun diretta jew indiretta. Fil-kaz ahhari, sabiex jissusti r-reat, l-offerta trid tkun intiza sabiex tasal ghal ufficcjal pubbliku u l-ufficjal pubbliku irid ikun jaf dwarha.

Rigward il-valur tal-offerta jinghad li dan hu rrelevanti u ghal dan il-ghan issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli** fejn inghad li *"Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini tal-artikoli tal-Kodici Kriminali specjalment l-artikolu 114 (illum 115), l-ammont ta' dawn il-hlasijiet huwa irrelevanti."*

F'dan ir-rigward l-awtur Taljan **Pessina** jghid *"..non vi bisogno che il privato interesse del pubblico ufficciale nella corruzione sia sempre pecuniario; basta l'appagamenti di un desiderio qalunque, di un bisono, sia diretto e personale sia indiretto."*[33]

Anke l-awtur Taljan **Maino** huwa ta l-istess opinjoni u jghid li *".. ne si puo far distinzione se la utilita data o promessa sia grande o piccola."*

Ghalhekk sabiex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan it-tieni element issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Tedesco u Carmel Deguara** b'referenza ghall-insenjament appena citat fejn intqal li:- *"... in vista ta l-insenjamenti ta' l-illustrissimi studjuzi citati aktar qabel l-amont ta' utili rikoverat mill-ufficcjal pubbliku hu ghalhekk irrelevanti u l-importanti hu li effettivament dan ikun imqieghed jew ircieva ghaliha jew ghal haddiehor il-godiment jew sodisfazzjoni li jappagah."*

L-imputat accetta l-proposta li saritlu minn Joseph Bezzina u ghalhekk dan l-element hu pruvat ukoll.

3. **L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.**

It-tielet element kontemplat fir-reat skond l-**Artikolu 115 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mil-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa'

[33] Elementi di Diritto Penale Vol. III pagna 63.

fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioe' li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skont l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficcjal pubbliku pero' mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel. Ghalhekk ma jimpurtax jekk tali haga taqax tahtu direttament taht il-kompetenza tieghu jew jekk taqax taht il-funzjonijiet li talvolta jista' jiddelega.

Terga' ssir referenza ghas-sentenza **<u>il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u>**[34] fejn il-Qorti rriteniet li:-

> *"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

Fil-fatt il-Qorti tikkwota lil **Professur Mamo** fejn qal li:-

> *"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon"*[35]

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar 1994.
[35] Vide footnote numru 7

Is-sentenza tkompli tipprovdi li: *"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz."* . Il-Qorti qalet ukoll *".....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

Fil-kaz fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Geraldo Sacco</u>**[36] il-Qorti pero' ma esprimietx ruhha bl-istess manjiera meta' qalet *"illi l-fatt tal-imputat lanqas ma jista' jikkostitwixxi d-delitt ta' korruzzjoni – fil-limiti tal-kompetenza tal-ewwel u kwindi ta' din il-Qorti - kontemplata fl-artikolu 114 (illum 115) tal-Kodici Kriminali ghax l-imputat m'ghamilx l-att fl-okkazjoni tal-impjieg tieghu. Dak li huwa ghamel kien att ta' impjegat pubbliku imma mhux att tal-impjieg tieghu, ghax hu ma kellu ebda dmir, bhala parti mill-attribuzzjonijiet tieghu imhabba fl-impjieg tieghu li jithabat biex l-impjegati tat-trucks jithallsu tal-overtime. Biex tkun tista' tigi sostnuta l-korruzzjoni hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-esercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku li f'dan il-kaz ma kienx hemm..."*

Minkejja dan kif ser jirrizulta minn sentenzi aktar ricenti l-interpretazzjoni li qed tinghata fis-sentenzi nostrana hija dik kif imfissra mil-Professur Mamo.

Fil-fatt il-Qorti fis-sentenza **<u>il-Pulizja vs Liliana Galea</u>**[37] inghad li *"In the third place it is essential that the acceptance of the remuneration or promise or offer be made by the public officer <u>in connection with his office or employment</u>.*

[36] Notes on Criminal Law ( revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo pagna 87
[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fi1-11 ta' Dicembru 1956.

*The old Italian text said: 'in occasione suo officio od impiego'. This means that the act in respect of which the reward, etc. is accepted must fall within the functions of the public officer concerned. An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would not have the right to do by virtue of his office, will indeed be an act of that officer but not an act of his office. It does not matter, however, whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated functions. What is indispensable is that the act be one which the officer could do in the exercise of his duties. A magistrate, says Carrara, who has not the cognisance of a case, does a very wrong thing if he accepts a reward to recommend the matter to his colleague: in fact he may be guilty of fraud, but he cannot be guilty of the crime of corruption unless he is the secret agent of his colleague (Prog. Parte Spec., Vol. V, para. 2533). Nor is it sufficient that the public officer accepting the reward etc. or the person making the reward may have <u>thought</u> that the act was one within the duties of that officer: it is necessary that the act should be such in the reality of things (Pessina)."*

Fil-fatt f'sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini</u>**[38] dejjem b'referenza ghal dan ir-reat dik il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 ma jissistix.

F'dan il-kaz dan l-element jinsstab sodisfatt ukoll.

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012

4. **Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.**

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid "*..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice.*"[39]

Ufficcjali Pubblici jridu jaghmlu xoghlhom minghajr ebda offerti, weghdiet jew rigali apparti dawk li jsiru skond il-haqq.

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-**Professur Mamo** jghid "*that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment.*"[40]

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli**[41] il-Qorti irriteniet "*b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata.*"

39 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar 2014
40 Ibid Professor Mamo op cit pagna 87.
41 Ibid Professor Mamo op cit pagna 87.

M'hemmx dubju li l-**Artikolu 115** tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplax korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku in konnessjoni ma' att li kien gja sehh. Pero' dan kien isehh jekk tali att isehh ta' sikwit li l-ufficjal pubbliku jibda jippretendi dan l-att. Hawnhekk fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza msemmija mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni taghha fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Liliana Galea</u>**[42] fejn dik il-Qorti stqarret li *"Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti'*. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs David Gatt</u>**[43] differentement mill-posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna *"sakemm ma jkunx hemm ftehim <u>qabel</u> (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Illum il-ligi Maltja ma taccettax il-kuncett ta' *"bribery after the fact"* kif donnu qed jigi accettat mil-ligi Taljana u kif fl-izvilupp ta' ordinament guridiku Taljana kien hemm incertezza jekk din il-korruzzjoni setghetx issir wara l-kummissjoni tar-reat. L-awtur **Luigi Maino** fit-trattat tieghu "Commento al Codice Penale Taliano" kellu quddiemu l-ligi Penali kemm dik promulgat bid-digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elf tmien mija u hamsa u sittin (1865), kif ukoll dak tal-kummissjoni dwar

---

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 1985
[43] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012

il-"Progetto Ministeriale tal-elf tmien mija u seba` u tmenin (1887), izda mhux dik tal-Codice Rocco tal-elf disgha mija u tletin (1930).

Fl-ewwel zewg progetti, jghid il-**Maino**, ma kienx hemm distinzjoni bejn "atto da compiere o atto gia compiuto". Fil-fatt jghid "*la formola: per un atto del sua ufficio si leggeva ance nel Articolo 162 del Progetto Ministeriale dell'1887: ed e formola che non distingue atto da compiere o atto gia compiuto*"[44]. M'hemmx dubju li huwa l-Kodici Penali Toskan li ghamel distinzjoni bejn "*la corruzzione propiamenta detta dalla illecita accettazzione dei doni*". Il-**Maino** jghid "*considerando come corruzzione il mercato relattivo ad atti da compiere e come illecita accettazione delitto minore il ricevere una indebita ricompensa per atti d'ufficcio gia eseguiti senza corruzzione.*" Kien hemm dibattitu shih bejn l-awturi u l-Kummissjoni Taljana dwar dan il-kuncett u cioe` setghax ufficjal pubbliku jkun hati ta' korruzzjoni wara l-fatt. "*Ma la commussione approvo' la formola del progetto Ministeriale come passata nel attuale articolo 171, e che comprende la ipotesi degli atti gia compiuti. Fu osservato che si violano i doveri d'ufficio anche con la accettazione di doni inseguito ai atti compiuti . . .*"[45]

Din il-kwistjoni giet definittivament rizolta fil-Codice Rocco tan-1930 fejn taht it-titolu "*Corruzione per un atto d'ufficio*" it-tieni paragrafu ta' l-artikolu 318 jghid testwalment "*se il pubblico ufficiale riceve la retribuzione per un atto d'ufficio da lui gia compiuto . . .*" Quindi ghal-ligi Taljana ma hemmx kwistjoni u ufficcjal pubbliku jista' jinstab hati ta' korruzzjoni jekk ikun ircieva xi kumpens wara l-att. Naturalment, dejjem soggetta

[44] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-11 ta' Novembru 2011.
[45] Volume 2, pagina 209, para 926.

ghat-tifsira ta' "*retribuzioni*" kif definiti mill-istess Manzini u Francesco Antolisei.

Mhux l-istess pero' taht il-ligi Maltija fejn sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (emfasi tal-Qorti) il-kommissjoni tal-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Fejn il-**Professur Mamo** jghallem li "*as Section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done.*"

Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali, l-**Maino** jkompli jghallem li b'referenza ghal art. 171 u 172 (tal-Kodici 1865) "*...... a costituire il delitto di corruzzione e` necessario il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto, il loro accordo e la loro fusione sul patto eriminoso .......*" Ghal **Maino** dan kien bizzejjed ghal konsumazzjoni tar-reat u ma kienx hemm ghalfejn l-ufficjal pubbliku jwettaq jew ma jwettaqx dak pattwit. Jidher li dan il-hsieb gie accettat mill-"*Commissione della Camera di Deputati*" u tal-Kummissjoni Senatorjali (1887) tant, li fit-test definittiv tal-Kodici gie milqugh il-hsieb "*di far retrocedere la consumazione del reato all'istante in cui il pubblico ufficiale ha ricevuto il dono o accetta la promessa, perche il fare, il ritardare od ommettere l'atto e il fine del delitto, ma questo e' completo quando si conclude il turpe merchato ........*"[46] kif inghad, dan il-hsieb gie eventwalment rifless fil-Codice Rocco peress illi la r-reat kien ikkunsmat mal-"*concorso delle due volonta`*" ma kienitx taghmel differenza jekk din il-konsumazzjoni saritx qabel jew wara l-fini tad-delitt. Izda, l-ligi Maltija

[46] Volume 2, pagina 209, para 926.

qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal-ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista` jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta l-*"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto"* jigi msarraf f'dak miftihem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Saverina sive Saverin Sinagra**[47] deciza fit-30 ta' Gunju 2010 fejn trattat l-elementi li jsawwru dan ir-reat:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-impieg tal-persuna ikkoncernata
2. li dik il-persuna rceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skont il-ligi
3. li dana jkun in konnessjoni mal-istess kariga jew impieg.
4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Il-Qorti se tapplika l-fatti tal-kaz in desamina ghall-elementi tar-reati kif fuq spjegati.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid hekk:

> *"The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government .*

[47] Magistrat (illum Imhallef) Dr Edwina Grima

*. . It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed".*

Illi dwar din it-tifsira l-Artikolu 92 jghid hekk:

> "Taht il-frazi generali 'ufficjali pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skont il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mill-ligi, sew guzizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".

Edwin Vassallo hu effettivament ufficjal pubbliku meta kien jokkupa l-kariga ta' messaggier il-Qorti.

L-imputat Vassallo ma jidhirx li talab, irċieva jew aċċetta għaliħ jew għal ħaddieħor rigal izda kien jaf bil-**wegħda jew offerta ta' xi rigal** li ghamillu Joseph Bezzina kif ikkonferma hu stess u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, ghaliex hu kien fid-dover li jqassam il-processi fid-destinazzjoni taghhom, kariga ta' fiducja kbira. Mhux kwalunkwe persuna li jahdem fil-Qorti kellu l-access ghal process in kwistjoni kif kellu l-imputat Vassallo.

Il-Qorti se ssib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Il-raba' imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 127 tal-Kapitolu 9</u>**

Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> *127. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.*

L-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012, fejn intqal:

> *"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by*

*using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*

Sabiex l-imputat jinstab hati tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 127 fejn id-*dolo* mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b' abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa.

Jidher ghalhekk illi l-*mens rea* fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b' mod frawdolenti sabiex b' hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess. Illi fil-kaz odjern ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika li l-imputat ghamel xi forma ta' qliegh. Lanqas ma gie pruvat li huwa ghamel uzu hazin jew frawdolenti tal-process li kien fil-pussess tieghu biex jikseb xi vantagg personali.

**<u>Il-Hames imputazzjoni</u>**

**<u>Serq aggravanti bil-lok u l-persuna</u>**

Il-ligi penali taghna ma taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq b'dan ghalhekk illi l-gurisprudenza u d-decizjonijiet tal-qrati dejjem strahu fuq dik moghtija mill-gurista Taljan Carrara fejn fiha hemm inkaspulati l-

elementi kollha tar-reat tas-serq, u cioe' it-tehid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti u dan bil-ghan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva[48]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija:

1. ***The contrectatio of a thing.***
2. ***belonging to others.***
3. ***made fraudulently.***
4. ***without the consent of the owner.***
5. ***animo lucrandi.***

Abbinata ma' din id-definzizzjoni li minnha jinstiltu l-elementi tar-reat, li l-legislatur jonqos milli jinkorpora fil-legislazzjoni, l-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali imbaghad johloq l-aggravanti ghar-reat fejn fosthom insibu l-aggravju tal-persuna u tal-lok, aggravanti addebitati lill-imputat.

Il-Qorti f'dan l-istadju thoss li ghandha taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fejn jidhol tidhol il-**Komplicita'.**

Artikoli 42 u 43 jipprovdu li:

*42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*

*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi,* ***inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa****, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt;*

[48] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro.'*

*43. Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.*

L-artikolu 45 jipprovdi testwalment hekk:

*Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss*

*(a) lill-persuna li taghmel l-att;*

*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u*

*(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir.*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Lisa Pace, Omissis**[49]:

*Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il- persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi*

[49] Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 9 ta' Jannar 2012.

*kommess id-delitt tista' tammonta għall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*[50]

Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fenech et**.[51] deciza fit-23 ta' April 2018 fejn intqal:

*28. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-provi prodotti ma jwassluhiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputati wettqu s- serqa. Iżda dan kien biss parti mill-eżerċizzju li kellha tagħmel. Fin- nuqqas ta' provi li l-imputati kienu l-awturi tar-reat ta' serq addebitat lilhom l-ewwel Qorti ma setgħetx tieqaf hemm iżda kellha tissokta teżamina jekk kienx hemm provi biżżejjed sabiex l-imputati jiġu ritenuti kompliċi fir-reat ta' serq addebitat lilhom.*

*29.* ***Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ dan kien imperattiv li jsir tenut kont in partikolari ta' dak previst fl-artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali li huwa reż applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura bl-artikolu 525(3) tal-istess Kodiċi. L-artikolu 467(3) msemmi jipprovdi li:***

[50] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius, Appell Kriminali, deciz 24.05.2002
[51] Appell Nru: 416/2016 deciz mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri

***"Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed minnhom jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi."*** [Enfasi ta' din il-Qorti.]

*30. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ma ġiex pruvat minn liema wieħed jew uħud mill-imputati appellati sar ir-reat addebitat lilhom fl-ewwel imputazzjoni iżda din il-Qorti hi wkoll sodisfatta li ġie pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-istess reat sar minn wiehed minnhom jew aktar. Il-Qorti hi wkoll sodisfatta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li kull wieħed mill-imputati ħa sehem fir-reat biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi fir-reat.*

Il-Qorti jirrizultalha minghajr dubju li skont id-defenizzjoni ta' Carrara f'dan il-kaz kien hemm serq tal-process. L-atti tal-kumpilazzjoni Il-**Pulizija vs Angel Attard** wara li gew mill-Ufficju tal-Avukat Generali u kienu registrati fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati qasam kriminali, kellhom jaslu fid-destinazzjoni taghhom fis-sigrieta tal-Magistrat li kien qieghed jisma' l-kumpilazzjoni u mhux jittiehed f'sigrieta ohra li ma kellha x'taqsam xejn ma' dik il-kumpilazzjoni. Il-Magistrat li kien qieghed jisma' l-kumpilazzjoni ghandu l-awla u s-sigrieta tieghu u ghalhekk lanqas jista' ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-process ittiehed x'imkien iehor fejn kien ha jahdem il-Magistrat li m'ghandux awla fissa ghalih. Mill-provi prezentati f'din il-kawza l-Qorti m'ghandiex

dubbju li l-imputat Vassallo kien komplici fis-serq tal-process u ghalhekk se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni bhala komplici.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[52]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

[52] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*
>
> *Section 142[53] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.[54]*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [55]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts**

---

[53] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[54] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[55] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

**can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. <u>Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion</u>."**

## <u>Is-Social Inquiry Report</u>

Is-***Social Inquiry Report***[56] thejja mill-Probation Officer Marilyn Formosa li kkonkludiet li:

- ***Fatturi Identifikati***

1. *Harsa lejn il-Fedina Penali ta' Edwin Vassallo wiehed jinnota li huwa qatt ma kellu kazijiet fil-passat.*

2. *Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport l-attendenza ta' Edwin Vassallo kienet wahda konsistenti fejn attenda ghall-appuntamenti kollha moghtija lilu gewwa l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.*

3. *Jidher li t-trobbija ta' Edwin Vassallo kienet wahda tajba fejn il- genituri tieghu, ghalkemm kienu kbar fl-eta dejjem raw li hu u hutu, li kienu ghadhom Malta, ikollhom l-ahjar affarijiet possibbli. Jidher ukoll li huwa ilu mizzewweg ma' Marthese ghal snin twal u flimkien ghandhom erbat itfal u erba' neputijiet. Jidher li ghal koppja l-familja hija importanti hafna u huma jitkellmu u jissapportjaw hafna lil xulxin f' dak li jkunu*

---

[56] a fol. 3352 et. Seq.

*ghaddejjin minnu. Jidher li l-proceduri odjerni hallew impatt kbir fuq il-familja kemm fuq livell emozzjonali kif ukoll fuq dak finanzjarju. Madanakollu, jidher li s-sapport fil-konfront ta' Edwin Vassallo ghadu hemmhekk.*

4. *Jidher li l-imputat qatt ma kien f'kuntatt ma'agenzija li tahdem fuq ir-riabilitazzjoni mill-vizzji. Huwa jishaq li qatt ma ghamel uzu minn sustanzi llecti u li l-uzu tal-alkohol u l-loghob tal-azzard dejjem kien wiehed taht kontroll. Testijiet tal-urina li ttiehdu fid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole nhar id-9 u l-20 ta' Mejju 2019 irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi lleciti tal-kannabis, kokaina, eroina u anfetamina.*

5. *Ghalkemm, is-sur Vassallo jammetti li waqt il-proceduri odjerni, kien ta' spiss jghaddi minn perjodi ta' biza' u ansjeta', hu jishaq li qatt ma attenda ghal sessjonijiet ma' psikologu jew psikjatra. Jghid li huwa jippreferi jiehu l-ghajnuna u s-sapport necessarju mill-membri tal-familja tieghu, mill-hbieb tal-ghaqdiet religjuzi u mill-qassisin tal-parocca tieghu.*

6. *Harsa lejn ir-rekord mahrug mill-Jobs Plus juri li l-ikkoncernat beda jahdem fl-1977, fl-eta ta' sittax –il sena u li huwa dejjem kellu impjieg. Huwa ilu sospiz mill-impjieg tieghu ghal dan l-ahhar sentejn u jidher li m'hemmx interess min-naha tieghu li jsib impjieg sakemm ma jinghalqu dawn il-proceduri odjerni. Madanakollu, jidher ukoll li huwa ghandu x-xewqa li jerga jirritorna ghad-dinja tax-xoghol fil-futur u li huwa diga beda jara postijiet fejn huwa jixtieq jahdem galadarba huwa ma jibqax impjegat mal-gvern.*

- ***Pjan ta' kura***

1. *Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport deher car li Edwin Vassallo jghix hajja pjuttost stabbli u huwa ghandu jkompli f'din it-triq. Madanakollu jkun aktar ghaqli jekk l-imputat ifittex ghajnuna sabiex itejjeb il-hiliet socjali u jkun aktar assertiv biex ma jhossx il-bzonn li jitfa lil haddiehor fuq pedestal.*

Il-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' probation flimkien ma' sanzjoni bbazata fil-komunita, cioe *combination order* fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446 u dan ghaliex hareg mis-Social Inquiry Report li huwa persona idonju biex jaghmel Servizz fil-Kommunita'.

Veru li l-Att dwar il-Probation jikkontempla biss li jistghu jinghataw ordnijiet taht dan l-Att ghal reati li l-piena ta' prigunerija taghhom ma tkunx ta' aktar minn seba' snin.

Jekk ic-cirkustanzi jkunu tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation, il-Qorti tista' taghmel ordni taht dan l-Att anke jekk it-terminu ta' prigunerija jkun jaqbez it-terminu ta' seba' snin purche tali terminu ta' prigunerija ma jkunx aktar minn ghaxar (10) snin. Dan johrog bl-aktar mod car mill-proviso tal-artikolu 7(2):

> **"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ**

**ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation."** (Enfazi tal-Qorti)

Il-fatt li l-piena hija aktar minn seba' snin m'ghandux b'mod awtomatiku jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 466. Din il-prassi gia giet segwita minn Qrati ohra u minn din il-Qorti fil-kazwa fl-ismijiet il-**Pulizija vs Sufin Abdulsalam Ali Atomi** deciza fil-25 ta' Marzu 2019[57] u Il-**Pulizija vs Jean Pierre Galea** deciza fil-15 ta' Lulju 2019[58] u ma tarax ghalfejn m'ghandiex

---

[57] Il-Qorti fic-cirkostanzi paritkolari ta' dan il-kaz taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Probation Officer u temmen li minkejja li l-piena karcerarja ghar-reati li taghhom l-imputat sejjer jinstab hati jaqbzu s-seba' snin prigunerija, xorta l-istess cirkostanzi jimmillitaw favur li jkun hemm ordni ta' probation u servizz fil-komunita. Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzoi ta' dan il-kaz m'huwa sejjer jkun hemm l-ebda beneficcju jekk tinghata sentenza effettiva ta' prigunerija. Anzi kif qal il-Probation Officer fil-kaz partikolari sentenza ta' prigunerija tista' tikkawza "disturb psikologiku".

[58] Il-Qorti qeghda tasal ghal din il-konkluzjoni igifieri li timpani combination order fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446.wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) Il-fedina tal-imputat hija wahda kwazi netta hlief ghal kaz deciz Magistrat Dr Anthony Vella fis-sittax (16) ta' Frar 2011 fejn minn dakinnhar sal-kaz tal-lum qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja. Ma jidhrix wkoll li kelli xi kaz iehor fil-Qorti fiz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri;

(2) Ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew problemi ohra;

(3) Qieghed f'impjieg stabbli;

(4) Il-kaz li ghalih qieghed jinstab hati llum huwa serju hafna u ghalhekk se jkun rifless fis-sieghat li se jkollu jaghmel bhala xoghol fil-komunita'. Il-Probation ghandha tghinu jifhem ahjar u jara kif irid igib ruhu ma' persuni vurnerabbli, liema hidma hi ta' sfida kbira, impenn u mhabba u mhux biss semplici impjieg bhal l-ohrajn;

(5) Aktar milli deterrent, il-piena ghandu tkun mezz riformattiv biex wiehed jaghraf l-izbalji tieghu u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu. Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami japplika r-ragunament li adottat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2003 fejn hija ikkummentat li:"*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

terga' taghmel l-istess f'dan il-kaz. Issir riferenza ukoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs Noel Bonello** (Kumpilazzjoni Numru 293/2017)[59] fejn il-Qorti ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet u waslet sabiex timponi ordni ta' probation minkejja li l-piena kien teccedi s-seba' snin prigunerija:

*"Illi dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-ewwel imputazzjoni ggorr maghha piena sa massimu ta' disa' snin prigunerija. Illi jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jekk wiehed jigi biex jikkunsidra piena din certament se taqbez is-sentejn prigunerija u ghalhekk il-Qorti ma tistghax timponi sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.*

*Illi l-Qorti hija konxja wkoll illi biex tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat se jinsab hati ma tridx tkun iktar minn seba' (7) snin prigunerija. Illi l-Qorti semghet kif l-imputat huwa afflitt bil-problema tal-loghob tal-azzard u l-flus li huwa rcieva mertu ta' din il-kawza uzahom kollha biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Il-Qorti semghet ukoll li l-imputat huwa impjegat bhala kennies u li jircievi salarju ta' madwar seba' mitt ewro (€700) fix-xahar.*

*Illi l-imputat iddikjara wkoll illi huwa lest li joqghod ghal kwalunkwe direttiva li tista' taghtih din il-Qorti sabiex jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-loghob, filwaqt li jaghraf li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel lill-vittma Josette Abela.*

[59] Deciza fit-12 ta' Lulju 2017.

*Illi l-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gravita` tar-reati mwettqa mill-imputat u talpieni li jgorru maghhom, hija tal-fehma illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fost ohrajn:*

*1. L-imputat huwa afflitt minn problema serja ta' loghob;*
*2. L-imputat ghandu impjieg u jekk jintbaghat il-habs jitlef tali impjieg bil-konsegwenza li l-vittma tista' ma tigi qatt ikkumpensata;*
*3. Illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni u gwida minn persuni professjonali biex jeghleb il-problema tal-loghob;*
*4. Illi l-imputat ghandu fedina prattikament netta;*

*huwa ghandu jibbenefika mill-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghata cans idawwar ir-rotta ta' hajtu u dan billi jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation u kif ukoll jinghata Ordni ta' Trattament. Naturalment l-imputat irid ukoll jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata bl-agir tieghu."*

Il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni jigifieri li timponi *combination order* fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446 wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) Il-fedina tal-imputat hija wahda nadifa u qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja. Ma kellu l-ebda kaz iehor fil-Qorti fiz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri;

(2) Ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew problemi ohra;

(3) Sahhtu ddetorjat hafna tant li minn seduta ghall-ohra kull ma jmur qieghda tmur lura tant li ma jkunx jista' jzomm bil-wieqfa wara certu hin;

(4) L-eta' tieghu fejn wasal biex jirtira mix-xoghol;

**(5) <u>Il-kaz li ghalih qieghed jinstab hati llum huwa serju hafna u huwa ta' niket li karriera twila ta' xoghol kellha ticcappas hekk minhabba li ma kellux forza jirrezisti proposta indicenti u kriminali minn kollega tieghu tax-xoghol. Meta persuna tkun assenjata hidma fil-Qorti mal-Gudikatura dan huwa xoghol ta' fiducja kbira u dak li sehh f'dan il-kaz tant huwa serju, li kieku l-amministrazzjoni tal-Qorti u l-pulizija ma hadux azzjoni immedjata meta saru jafu b'dak li seta' gara kieku kien ikun hemm konsegwenzi serji hafna li jwasslu biex ikun imminat process gudizzjarju fuq akkuzi ta' reati serji hafna bhal m'hu t-traffikar tad-droga.</u>**

(6) Il-Probation ghandha tghinu jifhem ahjar u jara kif irid igib ruhu meta jkun taht pressjoni u ma jcediex quddiem proposti moqzieza li jdghajjfu s-sisien tas-saltna tad-dritt f'pajjizna;

*(7)* Aktar milli deterrent, il-piena ghandu tkun mezz riformattiv biex wiehed jaghraf l-izbalji tieghu, li f'dan il-kaz l-imputat wera soghba kbira ghal dak li wettaq u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu.

**Il-hsara li l-korruzzjoni taghmel fis-socjeta'**

Il-Qorti taghmel dawn id-dikjarazzjonijiet taghha dwar il-hsara li t-tixhim u l-korruzzjoni jaghmlu fis-socjeta':

> *Corruption is an insidious plague that has a wide range of corrosive effects on society. It undermines democracy and the rule of law, leads to violations of human rights, distorts markets, erodes the quality of life and allows organised crime … and other threats to human society to flourish.*[60]
>
> *Il-korruzzjoni f'kull aspett tal-attività umana, bħal fl-oqsma tal-impiegi, tal-edukazzjoni, tal-kummerċ, tal-ġustizzja, tal-isport, fl-għoti tal-promozzjonijiet, mhux biss hija mezz pulit biex wieħed jisraq, imma tista' tkun ukoll arma omiċidjali, għaliex l-inġustizzja tista' tkun tant gravi li hemm min jibqa' taħtha. Meta xi ħadd jikseb bid-dnewwa xi ħaġa li mhix tiegħu, dan ifisser li jkun qiegħed jaħtafha minn idejn ħaddieħor li tkun tmissu bi dritt. Għaldaqstant, min bla kuxjenza jinżel fil-ħama tal-korruzzjoni, mhux biss ikun jistagħna inġustament, imma jkun jirkeb fuq dahar ħaddieħor.*
>
> *Sakemm ma tkunx storduta, il-kuxjenza suppost tgħidilna li min iwettaq xi reat minn dawn it-tlieta (evażjoni tat-taxxa, abbużi mis-servizzi soċjali u korruzzjoni) jibqagħlu d-dmir li jrodd lura dak li jkun kiseb bil-qerq. Hija tassew ħasra li llum ftit għadna nisimgħu li min jisraq għandu dmir li jrodd lura dak li jkun seraq! Il-ġerħa li reat ta' din ix-xorta jikkawża kemm lill-fqir u kemm lis-soċjetà, tibqa' tgħajjat għall-*

[60] R v Dougall [2010] EWCA Crim 1048 2011 Cr App R (S) 37

*ġustizzja anki jekk min ikun responsabbli tar-reat jirnexxielu jaqbeż 'il barra mill-miżien tal-Qrati.*[61]

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi:

(a) din il-Qorti mhux qiegħda issib lill-imputat ħati tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

(b) u wara li rat l-artikoli 17, 114(1), 115(1)(c), 150, 261(d), 261(e), 268 u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda issib lill-imputat ħati ta' kompliċita' fir-reat dedott fl-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif ukoll ħati tat-tielet (3) imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation u servizz a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 (liema artikolu jagħmel riferenza diretta għall-artikoli 7 u 11 tal-istess Kap. 446) għall-perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqiegħed lil Edwin Vassallo taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi

---

[61] E.T. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, **NIĠĠIELDU L-FAQAR**, il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju 2014, Victoria, Għawdex

**<u>jaghmel xoghol bla hlas ta' erba' mija u tmenin (480) siegha, l-massimu li tipprovdi l-ligi,</u>** f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Il-Qorti tirrakomanda li s-Servizz fil-Kommunita' jsir fil-Kalkara mac-Centru Parrokjali taht is-supervizjoni ta' Fr Brian Gialanze'.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u ta' Servizz tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skont id-direttivi tal-istess ordnijiet.

Rigward l-ispejjez li gew inkorsi f'dawn il-proceduri skont kif jipprovdi l-Artiklu 533 tal-Kodici Kriminali, l-imputat ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-esperti[62] (u dan ghaliex hemm imputat iehor ghaddej proceduri dwar l-istess fatti) jigifieri elfejn, seba' mija u erbgha u tmenin ewro (€2,784) u dan fi zmien tliet (3) snin millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

---

[62] PC1331 Darren Debattista - €364.90 ; Ezami fuq flus €37.90; Ryan Caruana €30.20; Antoine Borg €837.80; Dr Martin Bajada €3,104.21; Joseph Mallia €1,193.02 - Total: € 5,568.03